STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

22 ta' ĠUNJU 2023

## Il-GRDA u Għal Għawdex ifittxu konverġenza

## fuq il-Pjan ta' Tmien Punti propost minn Għal Għawdex.

Is-seba' partijiet interessati fi ħdan il-Forum Għal Għawdex u l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA) kellhom laqgħa formali biex jiddiskutu u jsibu konverġenza fuq il-Pjan ta' Tmien Punti imniedi minn Għal Għawdex. Din il-laqgħa segwiet il-pubblikazzjoni tar-reazzjoni tal-GRDA għall-pjan propost.

Il-GRDA u l-Forum Għal Għawdex jaqblu bis-sħiħ fuq ħafna mill-proposti, bi qbil sħiħ fuq **punt 1**, jiġifieri l-ħtieġa urġenti għall-iżvilupp ta' pjan spazjali speċifiku għal Għawdex, li jiddistingwi b'mod ċar l-ippjanar rurali u urban ta' Għawdex minn dak ta' Malta, u f'konformità mal-*istatus* ta' Għawdex.

Hemm ukoll qbil sħiħ dwar il-**punti 3 u 4** li jikkonċernaw l-użu ta' inċentivi fiskali biex jiddereiegu s-suq tal-kostruzzjoni u tal-proprjetà lejn riżultati aktar mixtieqa. Kemm il-GRDA kif ukoll Għal Għawdex jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li titneħħa n-natura indiskriminata tal-miżura eżistenti tat-taxxa tal-bolla mnaqqsa, li hija fis-seħħ bħalissa, illi hija applikabbli għal kull tip ta' proprjetajiet residenzjali f'Għawdex, u jaqblu li kwalunkwe inċentiv fiskali f'dan il-qasam jeħtieġ li jkun ri-dirett lejn kostruzzjoni sostenibbli li żżid valur fit-tul għal Għawdex.

Il-GRDA u l-Forum għal darb'oħra qed jaqblu bis-sħiħ dwar il-**punt 5**, li jassiguraw il-karattru distintiv ta' Għawdex billi jinnominaw lil Għawdex bħala 'żona ta' prijorità tad-disinn', jinfurzaw *standards* arkitettoniċi aktar stretti, u użu ta' karatteristiċi tradizzjonali li jikkumplimentaw iż-żoni tal-madwar.

Dwar il-**punt 8** dwar interpretazzjoni korretta u infurzar strett tal-politiki, regoli u regolamenti attwali, il-GRDA u l-Forum jaqblu wkoll u jistennew li tingħata l-akbar importanza lill-*policies* G1, G2 u G3 ta' DC2015, mill-Awtorità tal-Ippjanar, fid-deċiżjonijiet tagħha. Dawn il-*policies* jirreferu għall-pajsaġġ urban u l-preservazzjoni ta' identità Maltija distinta, l-impatt viżwali fuq il-pajsaġġ tal-belt jew raħal u l-protezzjoni tal-orizzonti, u r-relazzjoni bejn bini ġdid u eżistenti biex jiġi rispettat il-pajsaġġ tat-toroq eżistenti bi tranżizzjoni gradwali biex jiġu salvagwardjati żoni sensittivi. Interpretazzjoni xierqa u korretta ta' dawn il-*policies* kif enfasizzat fis-sentenzi tal-Qorti, fost l-oħrajn Falzon vs Awtorita' tal-Ippjanar (Appell) (15/03/2023), issolvi bosta kwistjonijiet li kienu l-kawża ta' riżultati mhux mixtieqa matul l-aħħar ftit snin.

Il-GRDA u Għal Għawdex ġeneralment jaqsmu l-istess fehmiet dwar il-**punt 2(c)**, li bih ODZ għandu jiġi ppreservat u għalhekk applikazzjonijiet għal żviluppi f'żoni bħal dawn m'għandhomx jiġu ikkunsidrati, bl-eċċezzjoni ta' applikazzjonijiet ġenwini ta' biedja, inkluż ir-restawr ta' binjiet imwiegħra fil-kampanja u strutturi simili oħra għal skopijiet strettament tal-biedja. Il-Partijiet jaqblu mal-monitoraġġ tal-użu fit-tul ta' dan, u huma kontra l-bidla fl-użu għall-iżvilupp taħt il-Linji Gwida tal-Politika Rurali u d-Disinn.

Ġie maqbul li ssir aktar diskussjoni fir-rigward tal-**punti 2(a) u 2(b)**, rigward is-sospensjoni tad-DC15, ir-regolamenti tal-Anness 2 u l-estensjoni tal-konfini tal-UCA rispettivament peress li l-GRDA għandha

xi riżervi dwar inċertezza potenzjali li l-implimentazzjoni sħiħa tista' toħloq. GRDA u Għal Għawdex madankollu jenfasizzaw l-importanza vitali li jiġu ppreservati l-pajsaġġi tat-toroq u l-skylines tal-gżira.

Il-partijiet jaqblu fil-prinċipju fir-rigward tal-**Punt 6** li jitlob l-osservanza stretta taż-żona ta' buffer ta' 150 metru madwar bini u monumenti storiċi u skedati, filwaqt li jirrispettaw u ma jaqbiżx l-għoli eżistenti ta' bini storiku u skedat. Madankollu, il-GRDA tixtieq twettaq analiżi aktar profonda dwar dan il-punt qabel isir qbil sħiħ.

**Punt 7** li jsejjaħ għal xiri obbligatorju ta' mill-inqas spazju ta' parkeġġ wieħed ma' kull unità residenzjali, huwa l-unika żona oħra fejn il-GRDA u l-Forum jaqblu li hemm bżonn ta' analiżi aktar profonda biex titqies il-konġestjoni li qed tiġi kkawżata f'Għawdex billi jiżdied l-użu tal-vetturi bil-mutur.

Il-Kap Eżekuttiv tal-GRDA Mario Borg esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-relazzjoni soda u miftuħa tal-GRDA mal-għaqdiet volontarji Għawdxin fosthom dawk rappreżentati fil-Forum Għal Għawdex. Sostna li l-isfidi li qed jiffaċċja Għawdex iridu jinftiehmu bis-sħiħ, u għandha tittieħed azzjoni, inklużi miżuri ta' *policies*, biex jiġu indirizzati. Il-preservazzjoni tal-karattru distint ta' Għawdex trid tkun prijorità ċara għall-partijiet kollha u konsegwentement il-miżuri politiċi kollha jridu jirriflettu dan. Il-GRDA hija impenjata li tkompli taħdem biex tgħin lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, billi tqis bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet ta' Għawdex fi kwalunkwe deċiżjoni u azzjonijiet tagħhom.

Il-Kelliem għall-Forum Għawdex Godfrey Swain, stqarr li l-Forum jinsab kuntent bil-progress reġistrat mal-GRDA. Il-Forum kellu wkoll laqgħat dettaljati u pożittivi mal-Ministru responsabbli għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, u l-Ministru responsabbli għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, kif ukoll laqgħa dettaljata u siewja mal-Ministru responsabbli mill-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, flimkien maċ-Ċermen Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar, Oliver Magro. Il-Forum Għal Għawdex ippreżenta wkoll il-pjan tiegħu fi tmien punti waqt laqgħa tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) ippresedut minn David Xuereb u l-Onor. Ministru Clint Camilleri. Għal-laqgħa kienu preżenti wkoll il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi, u Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali. Kien ċar għall-partijiet interessati u Għal Għawdex li hemm kunsens ġenerali dwar il-ħtieġa urġenti ħafna li jinkiseb il-bilanċ mixtieq bejn il-ħarsien u l-preservazzjoni ta' Għawdex u l-prosperità ekonomika. Ġenerazzjonijiet futuri jiddependu mir-rieda u l-viżjoni ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-lum, temm is-Sur Swain.